**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 11 ta' Lulju, 2001**

**Numru 2**
**Citaz. Nru. 704/91 FDP**

**Saviour Bonnici**
**vs**
**Natalie Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur u l-konvenuta ppartecipaw f'cerimonja ta' zwieg f'Marsascala fil-15 ta' Gunju 1986 kif jindika Dokument "A";

Premess illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg jinsab eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra; u dak tal-konvenuta inghata imhabba biza';

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-konvenuta ma kellhiex fi zmien li sar iz-zwieg setgha intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Premess illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla Joanna ta' erba' snin li b'digriet tas-Sekond' Awla hija fdata f'idejn l-attur kif juri d-digriet li gie anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument "B";

Premess illi fl-aqwa interess tat-tifla din ghandha tibqa fil-kura u l-kustodja tal-missier;

Premess illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghadha ma gietx xolta u maqsuma;

Premess illi l-konvenuta hadet xi oggetti appartenenti lill-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fil-15 ta' Gunju 1986 huwa null u bla effett fil-ligi u dan previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja ai termini ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975;

2. Tiddikjara u tiddeciedi u tordna li l-effetti ta' zwieg validu jitqiesu li dejjem kienu jezistu sal-jum meta n-nullita` taz-zwieg issir *res judicata* u dana ai termini ta' l-Artikolu 20 ta' l-Att 37 ta' l-1975;

3. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja u taqsam l-komunjoni ta' l-akkwisti kif likwidata bejn il-partijiet f'ishma ugwali, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi;

4. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Joanna Bonnici tigi fdata f'idejn missierha u dan fl-aqwa interess ta' l-istess minuri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-impediment ta' partenza prezentat kontestwalment;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi r-ragunijiet premessi mill-attur kienu infondati stante li kienu kollha imputabbli lill-attur u mhux lill-eccipienti;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta illi fiha hija ddikjarat:

1. Illi kienet taqbel ma' l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' l-attur;

2. Illi inkwantu ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames paragrafi tad-dikjarazzjoni ta' l-attur l-esponenti rremettiet ruhha ghal savji u gudizzju ta' dina l-Qorti;

3. Illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri ghandha tigi fdata lill-esponenti fl-ahjar interess tal-minuri;

4. Illi in kwantu l-kura u l-kustodja tal-minuri Joanna kif ukoll ghall-alimenti u x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti diga` hemm kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq indikati bin-numru 843/91;

5. Illi mhux minnu li l-esponenti hadet xi oggetti appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti anzi l-attur abbuzivament u klandestinament biddel is-serratura tal-fond matrimonjali u qed jimpedixxi lilha access ghal dan il-fond li jaqa' taht il-gid parafernali taghha u sahansitra hemm kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 761/91;

Rat ukoll il-lista tax-xhieda minnha ndikati;

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Jannar 1993 li permezz tieghu il-partijiet qablu li l-provi li ngabru f'din il-kawza kienu jkunu applikabbli u jaghmlu stat ukoll fil-kawzi l-ohra pendenti bejn l-istess partijiet u li qed jigu wkoll decizi llum; u giet

nominata l-avukat Dottor Yana Micallef Stafrace bhala perit legali;

Rat ir-rapport ta' l-istess l-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace li jinsab a fol. 65 *et sequitur* tal-process li gie minnha debitament ikkonfermat fl-Udjenza ta' l-4 ta' Lulju 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg li huwa kkontratta mal-konvenuta fil-15 ta' Gunju 1986;

Din it-talba saret wara li huwa ppremetta li l-kunsens tieghu nkiseb minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra u li l-kunsens tal-konvenuta inghata minhabba biza`, kif ukoll li l-kunsens tieghu inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenuta li tista' tfixkel kompletament il-hajja mizzewga u li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq d-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitilha l-hajja impossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u illi inoltre l-konvenuta ma kellhiex, meta sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens taz-zwieg;

Illi oltre dawn it-talbiet relattivi ghall-dikjarazzjoni ta' annullament ta' l-imsemmi zwieg l-attur talab ukoll lil Qorti tiddikjara illi l-effetti taz-zwieg jitqiesu li dejjem kienu jezistu sal-jum meta in-nullita` taz-zwieg issir *res judicata* u illi tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u taqsamha f'zewg porzjonijiet okkorrendo bl-ghajnuna ta' periti nominati u illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Joanna Bonnici tigi fdata f'idejn l-attur fl-ahjar interessi ta' l-istess minuri;

Illi minn naha taghha il-konvenuta, fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha illimitat ruhha ghal cahda semplici ghall-fatti u l-allegazzjoonijiet maghmula minn zewgha, u fid-dikjarazzjoni taghha ghamlet ukoll referenza ghall-kawzi l-ohra li kienu dak iz-zmien pendenti quddiem dina l-Qorti;

Illi jrid jigi rilevat illi din il-kawza hija wahda minn sensiela ta' hames kawzi pprezentati mill-kontendenti kontra xulxin u senjatament f'din il-kawza issir referenza ghal kawza l-ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 843/91 illi fiha il-konvenuta odjerna talbet is-separazzjoni personali minn ma' zewgha u wkoll talbet ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija minuri;

Illi l-Qorti fil-konsiderazzjoni tar-rizultanzi processwali ta' din il-kawza taghmel ampja riferenza ghal dak kontenut fil-process l-iehor imsemmi bin-numru 843/91 kif ukoll ghas-sentenza li qeghda tinghata illum ukoll fl-istess kawza li tirrigwarda ukoll l-ahhar zewg domandi tac-citazzjoni odjerna;

Illi ghalkemm f'din il-kawza ma jidhirx li gewipprezentati wisq dokumenti pero` bosta mix-xhieda inghatat fil-kawza l-ohra ta' separazzjoni bejn il-kontendenti fejn iz-zewg kontendenti ressqu il-provi kollha taghhom, u li uhud kienu ta' influenza fid-determinazzjoni tac-citazzjoni tallum;

Illi rrizulta wkoll li l-konvenuta kienet intavolat citazzjoni quddiem it-Tribunal Ekklessjastiku biex iz-zwieg imsemmi jigi dikjarat null u fil-fatt inghatat is-sentenza opportuna mit-Tribunal Ekklessjastiku; insegwitu fit-8 ta' April 1996 inghata Digriet mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illi permezz tieghu gie registrat l-annullament taz-zwieg dikjarat mill-imsemmi Tribunal Ekklesjastiku;

Din ir-registrazzjoni flimkien mad-decizjonijiet moghtija fl-imsemmija kawza l-ohra tas-separazzjoni bejn il-kontendenti twassal il-Qorti biex ma tiehux aktar konjizzjoni mill-atti ta' dina il-kawza ghalkemm ezaminat ir-rizultanzi processwali biex tkun tista' tasal ghal decizjoni dwar l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti, fid-dawl tad-Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Mejju 1996 u tad-Decizjoni li inghatat illum stess fil-kawza bejn il-kontendenti fl-ismijiet inversi Citazzjoni bin-numru 843/91, tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-talbiet kif formolati f'dina ic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur